MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 116/2010

Il-Pulizija

v.

Simon Galea

Il-Qorti:

**1.** Rat il-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija esekuttiva kontra Simon Galea (bin Henry u Mary nee Zarb, imwieled tas-Sliema fis-27 ta’ Frar, 1971, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 113371M) talli fit-12 ta’ Jannar 2010 meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt biex jaghti access lil Samah Mansour ghal uliedhom, irrifjuta li jaghmel hekk minghajr raguni xierqa;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Simon Galea hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu twiddiba u canfira;

**3.** Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-istess Simon Galea, minnu prezentat fil-15 ta’ Marzu 2010, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

**4.** Semghet lil Samah Mansour fl-udjenza tallum; semghet ukoll id-difensuri tal-partijiet;

**5**. Ikkunsidrat: Fl-ewwel lok it-tielet aggravju ta’ l-appellant gie rtirat seduta stante mill-avukat difensur Dr. Kris Busietta. Iz-zewg aggravji l-ohra jirreferu ghall-kwistjoni ta’ kemm id-dokument esebit huwa dokument awtentiku li jindika li fil-fatt l-access ordnat mill-Qorti kien kif qed jinghad fl-imputazzjoni. Din il-Qorti hi tal-fehma li effettivament id-dokumenti esebiti huma sodisfacenti u jippruvaw il-kontenut taghhom.

**6**. Fic-cirkostanzi ghalhekk, il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------